MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2012

Numru. 187/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**
**SPETTUR JURGEN VELLA**
**VS**
**IMPUTAT MINURI**
**CHRISTIAN ABDILLA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat minuri, ta' omissis iben omissis, mwieled omissis, nhar omissis, u joqghod omissis, u detentur tal-karta ta' l-identita bin numru omissis;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Christian Abdilla, ta' 23 sena iben Carmelo u Maria Concetta nee' Meli, mwieled Pieta, nhar it-18 ta' Novembru, 1988 u u

joqghod. Unita, Triq ix-Xghajra, Zabbar, u detentur tal-karta ta’ l-identita bin numru 530788(M).

U akkuzati talli fis-17 ta’ Frar, 2012 ghall-habta ta’ l-4p.m, kif ukoll iktar kmieni matul l-istess jum, u / jew fil-jiem ta’qabel, f’dawn il-Gzejjer;

1. assocjaw irwiehom ma xi persuna jew persuni f’Malta bil-ghan li jaghmlu delitt/i f’Malta li ghalihom hemm il-piena ta’prigunerija, u li ma kienux delitti taht l-Att dwar l-istampa;

2. sewwa z-Zejtun, f’xi hin wara nofsinhar, ikkommettew serq ta’katina ta’kulur isfar minn persuna femminili mhux maghrufa, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta’l-istess persuna mhux maghrufa;

Lill-Imputat minuri wahdu akkuzat ukoll talli fis-16 ta’Frar, 2012, ghall-habta ta’ l-4.30p.m, gewwa l-MCP Car Park, Floriana,

3. ikkommetta serq ta’katina tad-deheb minn fuq il-persuna ta’Marija German, ta’ 62 sena, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta’l-istess Marija German;

Finalment akkuzat ukoll talli fis-17 ta’ Frar, 2012, ghall-habta ta’ l-4p.m, kif ukoll iktar kmieni matul l-istess jum, u / jew fil-jiem ta’qabel, f’dawn il-Gzejjer,

4. minghajr awtorita’ legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli, xtara jew ircieva minn ghand xi persuna, jew kellu fil-kustodja jew pussess tieghu, biljett tal-flus falsifikat li kien jaf li l-istess kien falsifikat.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammisjoni ta'l-imputat minuri fil-konfront ta' l-ewwel t-tielet u r-raba' akkuza;

Semghet l-ammisjoni ta'l-imputat Christian Abdilla fil-konfront tal-ewwel zewg akkuzi;

Semghet il-konferma ta' l-ammisjoni ta' l-imputati kif fuq indikata, wara li il-Qorti akkordat zmien ragenevoli ghall-ripensament;

Rat il-verbal tal-prosekuzzjoni tas-19 ta'Frar 2012 fejn l-ufficjal prosekutur irtira it-tieni akkuza fil-konfront ta'Imputat minuri;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Fuq l-istess amissjoni taghhom il-Qorti issib lill-imputati **minuri** u **Christian Abdilla** hatja skond l-akkuza u wara li rat l-Artikoli 37, 48A (1), 261, 267, 279(a) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Maltijiet , Artikolu 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta'Malta, Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta'Malta tqieghed lill-imputat **minuri taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' sentejn (2),** taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-*Probation Services* jew *Probation Officer* iehor minnu nominat; tqieghed lill-imputat **Christian Abdilla taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' tlett snin (3)**, taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-*Probation Services* jew *Probation Officer* iehor minnu nominat.

Din il-piena qedgha tigi akkordata wara li il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammisjoni bikrija ta' l-imputati, l-eta govanili taghhom, b'mod specjali ghall-imputat minuri li kien ghadu minorenni fid-data ta' l-akkuza u l-fedina penali taghhom.
Il-Qorti tordna lill *Probation Officers* nominati sabiex jirraputaw lil Qorti kull erba' xhur dwar il-progress o meno tal-imputati.

Il-Qorti tordna illi kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-*Probation Services*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------